32003D0430

L 147/31 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.6.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Mejju 2003

## dwar ir-reviżjoni tal-perspettiv finanzjarju

(2003/430/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina fil-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit ([1]), u b'mod partikolari il-punti 19 sa 21 tiegħu,

Wara li kunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([2]),

Jaġixxu skond il-proċedura mfassla fil-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill konġuntivament addottaw l-aġġustament tal-perspettiv finanzjarju għat-tkabbir ([4]), kif ipprovdut f'punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999.

(2) Sussegwentement ftiehmu dwar Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 32 u l-Anness XV tat-Trattat ta' Adeżjoni. Id-Dikjarazzjoni tipprovdi sabiex jiġu mtellgħin il-limiti ta' titolu 3 (politika interna),

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-limiti ta' kull sena għall-approprjazzjonijiet ta' impenji taħt it-titolu 3 (politika interna) tal-perspettiv finanzjarju, kif aġġustati taħt il-punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999, għandhom jiġu mtellgħin bis-segwenti ammonti, espressi f'miljuni ta' ewro bil-prezzijiet ta' l-1999.

| 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| 50 | 190 | 240 |

*Artikolu 2*

1. Il-perspettiv finanzjarju li jirriżulta għall-Unjoni Ewropea mkabbra b'25 Membru (esklużi l-implikazzjonijiet tal-baġit li jirriżultaw minn stabbilizzar politiku f'Ċipru) bil-prezzijiet ta' l-1999, huwa preżentat fit-Tabella 1a annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Fl-eventwalita ta' stabbilizzar politiku milħuq f'Ċipru, l-perspettiv finanzjarju għall-Unjoni Ewropea b'25 Membru, bil-prezzijiet ta' l-1999, kif ippreżentat f'Tabella 1b, għandu japplika.

([1]) ĠU C 172, 18.06.99, p. 1.
([2]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali.
([3]) Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad- 9 ta' April 2003 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2003.
([4]) ĠU L 147, 14.06.03, p. 25.

2. Il-perspettiv finanzjarju li jikkorispondi, li jirriżulta mill-aġġustament tekniku għall-2004, skond il-movimenti fi dħul nazzjonali gross (DNG), u l-prezzijiet, huwa preżentat fit-Tabelli 2a u 2b annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmulha fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 2003.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

P. COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. PAPANDREOU

*ANNESS I*

**Tabella 1a:Perspettiv finanzjarju (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-1999**

*(EWR miljun)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenn | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. AGRIKOLTURA | 40 920 | 42 800 | 43 900 | 43 770 | 44 657 | 45 677 | 45 807 |
| 1(a) Politika agrikola komuni | 36 620 | 38 480 | 39 570 | 39 430 | 38 737 | 39 602 | 39 612 |
| 1(b) Żvilupp Rurali | 4 300 | 4 320 | 4 330 | 4 340 | 5 920 | 6 075 | 6 195 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 045 | 31 455 | 30 865 | 30 285 | 35 665 | 36 502 | 37 940 |
| Fondi Strutturali | 29 430 | 28 840 | 28 250 | 27 670 | 30 533 | 31 835 | 32 608 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 5 132 | 4 667 | 5 332 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 5 930 | 6 040 | 6 150 | 6 260 | 7 877 | 8 098 | 8 212 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 550 | 4 560 | 4 570 | 4 580 | 4 590 | 4 600 | 4 610 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI (1) | 4 560 | 4 600 | 4 700 | 4 800 | 5 403 | 5 558 | 5 712 |
| 6. RISERVI | 900 | 900 | 650 | 400 | 400 | 400 | 400 |
| Riserva monetarja | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| riserva ta' Emerġenza | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| riserva ta' Garanzija | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| 7. STRATEĠIJA QABEL L-ADEŻJONI | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 |
| Agrikoltura | 520 | 520 | 520 | 520 | | | |
| Strument strutturali agrikolu ta' qabel l-adeżjoni | 1 040 | 1 040 | 1 040 | 1 040 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 560 | 1 560 | 1 560 | 1 560 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 273 | 1 173 | 940 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENJI | 92 025 | 93 475 | 93 955 | 93 215 | 102 985 | 105 128 | 106 741 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-ĦLASIJIET | 89 600 | 91 110 | 94 220 | 94 880 | 100 800 | 101 600 | 103 840 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,10 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini għal-limitu ta' | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,14 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| l-ispiża mhux prevvista dwar ir-riżorsi tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

(1) *In-nefqa dwar il-pensjonijiet inklużi taħt limitu għal dan it-titolu hija kalkulata netta fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff għall-skema ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999 għal-perjodu mill-2000 sa l-2006.*

**Tabella 1b: Perspettiv finanzjarju (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-1999**

(inklużi l-implikazzjonijiet tal-baġit dwar l-istabbilizzar politiku f'Ċipru)

*(EWR miljun)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenn | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. AGRIKOLTURA | 40 920 | 42 800 | 43 900 | 43 770 | 44 650 | 45 675 | 45 805 |
| 1(a) Politika agrikola komuni | 36 620 | 38 480 | 39 570 | 39 430 | 38 740 | 39 611 | 39 622 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 300 | 4 320 | 4 330 | 4 340 | 5 910 | 6 064 | 6 183 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 045 | 31 455 | 30 865 | 30 285 | 35 718 | 36 579 | 38 052 |
| Fondi Strutturali | 29 430 | 28 840 | 28 250 | 27 670 | 30 571 | 31 899 | 32 703 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 5 147 | 4 680 | 5 349 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 5 930 | 6 040 | 6 150 | 6 260 | 7 891 | 8 112 | 8 226 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 550 | 4 560 | 4 570 | 4 580 | 4 590 | 4 600 | 4 610 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI ([1]) | 4 560 | 4 600 | 4 700 | 4 800 | 5 403 | 5 558 | 5 712 |
| 6. RISERVI | 900 | 900 | 650 | 400 | 400 | 400 | 400 |
| Riserva | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| monetarja riserva ta'għajnuna | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| f'Emerġenza riserva ta' Garanzija | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| 7. STRATEĠIJA TA' QABEL L-ADEŻJONI | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 |
| Strument | 520 | 520 | 520 | 520 | | | |
| strutturali agrikolu ta' qabel l-adeżjoni | 1 040 | 1 040 | 1 040 | 1 040 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 560 | 1 560 | 1 560 | 1 560 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 273 | 1 173 | 940 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 92 025 | 93 475 | 93 955 | 93 215 | 103 045 | 105 218 | 106 865 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-ĦLASIJIET | 89 600 | 91 110 | 94 220 | 94 880 | 100 800 | 101 600 | 103 840 |
| Limitu, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,10 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini għal-limitu ta' l-ispiża mhux prevvista | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,14 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| dwar ir-riżorsi tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

([1]) *In-nefqa fuq il-pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għal dan it-titolu hija kalkulata netta fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff għal skema ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999, għall-perjodu mill-2000 sa l-2006.*

**Tabella 2a: Perspettv finanzjarju (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-2004**

*(EWR miljun)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenn | Kurrenti | | | | | Prezzijiet' l-2004 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
| 1. AGRIKOLTURA | 41 738 | 44 530 | 46 587 | 47 378 | 49 305 | 50 431 | 50 575 |
| 1(a) Politika agrikola komuni | 37 352 | 40 035 | 41 992 | 42 680 | 42 769 | 43 724 | 43 735 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 386 | 4 495 | 4 595 | 4 698 | 6 536 | 6 707 | 6 840 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 678 | 32 720 | 33 638 | 33 968 | 41 035 | 41 685 | 42 932 |
| Fondi Strutturali | 30 019 | 30 005 | 30 849 | 31 129 | 35 353 | 36 517 | 37 028 |
| fond ta' koeżjoni | 2 659 | 2 715 | 2 789 | 2 839 | 5 682 | 5 168 | 5 904 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 6 031 | 6 272 | 6 558 | 6 796 | 8 722 | 8 967 | 9 093 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 627 | 4 735 | 4 873 | 4 972 | 5 082 | 5 093 | 5 104 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI (1) | 4 638 | 4 776 | 5 012 | 5 211 | 5 983 | 6 154 | 6 325 |
| 6. RISERVI | 906 | 916 | 676 | 434 | 442 | 442 | 442 |
| Riserva monetarja | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| riserva ta'għajnuna f'Emerġenza | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| riserva ta' Garanzija | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| 7. STRATEĠIJA QABEL L-ADEŻJONI | 3 174 | 3 240 | 3 328 | 3 386 | 3 455 | 3 455 | 3 455 |
| Agrikultura | 529 | 540 | 555 | 564 | | | |
| strument strutturali ta' qabel l-adeżjoni | 1 058 | 1 080 | 1 109 | 1 129 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 587 | 1 620 | 1 664 | 1 693 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 410 | 1 299 | 1 041 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 93 792 | 97 189 | 100 672 | 102 145 | 115 434 | 117 526 | 118 967 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-ĦLASIJIET | 91 322 | 94 730 | 100 078 | 102 767 | 111 380 | 112 260 | 114 740 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,09 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini mhux prevvista | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,15 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| dwar ir-riżorsi tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

(1) *In-nefqa dwar il-pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għal dan it-titolu, kalkulata netta fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff dwar l-iskema tal-pensjonijiet, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu mill-2000 sa l-2006.*

**Tabella 2b: Perspettv finanzjarju (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-2004**

(inklużi l-implikazzjonijiet tal-baġit dwar l-istabbilizzar politiku f'Ċipru)

*(EWR miljun)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenji | Kurrenti | | | | | Prezzijiet ta' l-2004 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
| 1. AGRIKOLTURA | 41 738 | 44 530 | 46 587 | 47 378 | 49 297 | 50 429 | 50 573 |
| 1(a) Politika agrikola komuni | 37 352 | 40 035 | 41 992 | 42 680 | 42 772 | 43 734 | 43 746 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 386 | 4 495 | 4 595 | 4 698 | 6 525 | 6 695 | 6 827 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 678 | 32 720 | 33 638 | 33 968 | 41 094 | 41 770 | 43 056 |
| Fondi Strutturali | 30 019 | 30 005 | 30 849 | 31 129 | 35 395 | 36 588 | 37 133 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 659 | 2 715 | 2 789 | 2 839 | 5 699 | 5 182 | 5 923 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 6 031 | 6 272 | 6 558 | 6 796 | 8 737 | 8 982 | 9 108 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 627 | 4 735 | 4 873 | 4 972 | 5 082 | 5 093 | 5 104 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI (1) | 4 638 | 4 776 | 5 012 | 5 211 | 5 983 | 6 154 | 6 325 |
| 6. RISERVI | 906 | 916 | 676 | 434 | 442 | 442 | 442 |
| riserva monetarja | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riserva ta'għajnuna f'Emerġenza | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| Riserva ta' Garanzija | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| 7. STRATEĠIJA QABEL L-ADEŻJONI | 3 174 | 3 240 | 3 328 | 3 386 | 3 455 | 3 455 | 3 455 |
| Agrikoltura | 529 | 540 | 555 | 564 | | | |
| Strument strutturali ta' qabel l-adeżjoni | 1 058 | 1 080 | 1 109 | 1 129 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 587 | 1 620 | 1 664 | 1 693 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 410 | 1 299 | 1 041 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 93 792 | 97 189 | 100 672 | 102 145 | 115 500 | 117 624 | 119 104 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR IL-ĦLASIJIET | 91 322 | 94 730 | 100 078 | 102 767 | 111 380 | 112 260 | 114 740 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,09 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini ta' spiża mhix prevvista | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,15 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| Limitu dwar ir-riżorsi tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

(1) In-nefqa dwar il-pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għal dan it-titolu hija kalkulata netta fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff għall-skemi ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999, għall-perjodu mill-2000 sa l-2006.

*ANNESS II*

**Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 32 u l-Anness XV tat-Trattat ta' Adeżjoni**

1. Ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu mal-Kunsill, jiddikjaraw illi l-ammonti addizzjonali għandhom jissemmew fl-Anness XV tat-Trattat ta' Adeżjoni, bla ħsara għad-drittijiet tal-Parlament Ewropew u l-poteri u l-prerogattivi ta' l-awtorità dwar il-baġit mogħtija mill-Artikolu 272 tat-Trattat KE u d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina fil-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit (IIA) b'mod partikolari punti 15, 19 sa 21 u 24 tiegħu, u fin-negozjati dwar il-perspettiv finanzjarju tal-futur.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftiehmu li jaġġustaw il-Perspettiv Finanzjarju għall-2004, 2005 u l-2006 minħabba t-tkabbir, skond il-punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 kif propost mill-Kummissjoni ([1]).

3. Bħala żieda, l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftiehmu dwar reviżjoni tal-Perspettiv Finanzjarju, sabiex jittellà l-limitu tat-titolu 3, wara l-aġġustament taħt il-punt 25 tat-IIA, b' EWR 480 miljun 2004 sa 2006, i.e. EWR 50 miljun għall-2004, EWR 190 miljun għall-2005, EWR 240 miljun għall-2006, skond il-punti 19 sa 21 tat-IIA. Il-Kummissjoni tippreżenta l-proposti meħtieġa bil-għan għall-addozzjoni qabel id- 9 t'April 2003.

4. Jifthiemu wkoll, kif propost mill-Kummissjoni, sabiex jittrasferixxu l-iffinanzjar ta' l-għajnuna lit-Turkija minn Titolu 4 għat-Titolu 7 u sabiex jiġi modifikat it-titolu, kif ġej: "Strateġija qabel l-adeżjoni". It-Titolu 7 għalhekk ikopri l-ispiża għall-Bulgarija u r-Rumanija u t-Turkija bħala pajjiż kandidat ([2]).

5. Ġaladarba addottati, l-limiti aġġustati tal-Perspettiv Finanzjarju għandhom japplikaw għall-Istati Membri, mingħajr kwalunkwe diskrimazzjoni permezz ta' limiti oħrajn li jikkonċernaw l-Istati Membri il-ġodda.

6. Jiftiehmu wkoll li jirrevedu (sa tmiem il-proċedura tal-baġit għall-2004), skond il-proċedura ta' ko-deċiżjoni, l-ammonti ta' riferenza tal-programmi kodeċiżi fil-parametri tal-limiti li jirriżultaw mill-aġġustamenti hawn fuq imsemmija, u r-reviżjoni tal-Perspettiv Finanzjarju.

7. L-abbozz preliminari tal-baġit 2004 li jrid jiġi preżentat mill-Kummissjoni, ikopri l-Istati kurrenti kollha u dawk kollha li se jissieħbu, sabiex il-proċedura tal-baġit jistgħu jwasslu għall-ftehim dwar l-approprijazzjonijiet kollha rilevanti għall-Unjoni mkabbra.

8. In-konformita ma' l-Artikolu 28 ta' l-abbozz tat-Trattat ta' Adeżjoni, il-baġit ta' l-2004 "għandu jiġu addattat sabiex jikkonsidra l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda, permess ta' baġit ta' emenda, li għandu jidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Mejju 2004."

9. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni itennu l-importanza tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 fil-funzjonament tal-proċeduri tal-baġit, u dan jiffunzjona biss jekk l-istituzzjonijiet jikkonformaw b'mod sħiħ.

---

([1]) KUMM(2003) 70.

([2]) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu, fuq proposta mill-Kummissjoni, l-inklużjoni ta' pajjiżi kanditati oħra taħt it-titolu 7.